

Il-50 anniversarju tar-rewwixta Tibetana u d-djalogu bejn il-Qdusija tiegħu id-Dalai Lama u l-Gvern Ċiniż

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2009 dwar il-50 anniversarju tar-rewwixta Tibetana u d-djalogu bejn il-Qdusija tiegħu id-Dalai Lama u l-Gvern Ċiniż

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iċ-Ċina u t-Tibet, b'mod partikolari ir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-10 ta' April 2008 dwar it-Tibet¹ u tal-10 ta' Lulju 2008 dwar is-sitwazzjoni fiċ-Ċina wara t-terremot u qabel il-Logħob Olimpiku²,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni li saret mill-Qdusija tiegħu id-Dalai Lama lill-Parlament Ewropew fl-4 ta' Diċembru 2008,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni dwar it-Tibet li saret mill-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti u mill-Unjoni Ewropea fis-Samit bejn l-Istati Uniti u l-UE fl-10 ta' Ġunju 2008,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi Marzu 2009 jimmarka l-50 Anniversarju tal-ħarba tal-Qdusija tiegħu id-Dalai Lama mit-Tibet u l-bidu tal-eżilju tiegħu fl-Indja,
- B. billi tmien sensiliet ta' djalogu bejn il-mibgħuta tal-Qdusija tiegħu id-Dalai Lama u r-rappreżentanti tal-Gvern Ċiniż ma pproduċew l-ebda riżultat, u billi m'huma previsti l-ebda taħdidiet oħra,
- C. billi l-Memorandum dwar Awtonomija Ġenwina għall-Poplu Tibetan, li sar fuq talba tal-Gvern Ċiniż u ġie ppreżentat minn mibgħuta tal-Qdusija tiegħu id-Dalai Lama waqt it-tmien sensiela ta' taħdidiet f'Novembru 2008 f'Beijing, jirrispetta l-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-Kostituzzjoni Ċiniża u l-integrità territorjali tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, iżda ġie miċħud mill-Gvern Ċiniż bħala tentattiv ta' 'semi-indipendenza' u 'indipendenza moħbija',
- D. billi l-Qdusija tiegħu id-Dalai Lama għamel appell sabiex ma tintużax il-vjolenza, ingħata l-Premju Nobel għall-Paċi fl-1989 għall-isforzi tiegħu u mhuwiex qed jitlob l-indipendenza tat-Tibet, iżda qed jitlob li jerġgħu jinbdew in-negozjati mal-awtoritajiet Ċiniżi, sabiex tintlaħaq ftehimha politika globali dwar awtonomija ġenwina, fil-kuntest tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina,
- E. billi matul dawn l-aħħar jiem l-awtoritajiet Ċiniżi żiedu s-sigurtà fit-Tibet filwaqt li xi ġurnalisti u barranin ma tħallewx iżuru r-reġjun u ġew kanċellati permessi li nħarġu diġà, u b'dan ġiet implimentata kampanja ta' attakk aħrax kontra l-poplu tat-Tibet,
- F. billi numru kbir ta' patrijiet tal-monasteru ta' An Tuo, fil-provinċja Ċiniża ta' Qinghai,

¹ Testi adottati, P6_TA(2008)0119.

² Testi adottati, P6_TA(2008)0362.

għew arrestati fil-25 ta' Frar 2009 matul mixja paċifika fl-okkażjoni tas-sena l-għdida Tibetana,

1. Iħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż biex jikkunsidra l-Memorandum għal Awtonomija Ġenwina għall-Poplu Tibetan ta' Novembru 2008 bħala bażi għal diskussjoni sostantiva li għandha twassal għal bidla pożittiva u sinifikanti fit-Tibet, li tkun tikkonforma mal-prinċipji stipulati fil-Kostituzzjoni u fil-liġijiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina;
2. Jistieden lill-Kunsill biex jaċċerta ruħu dwar x'għara eżatt matul in-negozjati bejn ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-mibgħuta tal-Qdusija Tiegħu d-Dalai Lama;
3. Jistieden lill-Presidenza tal-Kunsill, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-eżilju tal-Qdusija tiegħu id-Dalai Lama fl-Indja, biex tadotta dikjarazzjoni li tkegġeg lill-Gvern Ċiniż biex jibda djalogu kostruttiv bl-għan li tintlaħaq ftehma politika komprensiva u biex tiddaħħal referenza għall-Memorandum għal Awtonomija Ġenwina għall-Poplu Tibetan;
4. Jikkundanna l-atti kollha ta' vjolenza, kemm jekk ikunu ġejjin min-naħa tal-protestanti kif ukoll minn ripressjoni sproporzjonata min-naħa tal-forzi tal-ordni;
5. Jistieden lill-Gvern Ċiniż biex jeħles immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet lil dawk kollha miżmuma unikament talli pparteċipaw fi protesta paċifika u biex jagħti rendikont ta' dawk kollha li nqatlu jew li għebu, u dawk kollha miżmuma u n-natura tal-akkużi miġjuba kontribom;
6. Jitlob lill-awtoritajiet Ċinzi biex jipprovdu aċċess għat-Tibet lill-midja barranija, inklużi għaż-żoni tat-Tibet barra r-Reġjun Awtonomu tat-Tibet, u biex jabolixxu s-sistema ta'permessi speċjali meħtieġa għal aċċess għar-Reġjun Awtonomu tat-Tibet;
7. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċinzi biex jagħtu aċċess mingħajr xkiel għat-Tibet lill-esperti tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU u lil organizzazzjonijiet mhux governattivi internazzjonali rikonoxxuti biex ikunu jistgħu jinvestigaw is-sitwazzjoni hemmhekk;
8. Iħeġġeġ lill-Presidenza tal-Kunsill biex tieħu l-inizjattiva li tinkludi l-kwistjoni tat-Tibet fl-aġenda għal-laqgħa tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali bil-għan li jiġi diskuss kif l-UE tista' tiffaċilita l-progress dwar soluzzjoni għat-Tibet;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u lill-Qdusija Tiegħu d-Dalai Lama.